PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2013/2145(BUD)**

21.8.2013

# EMENDI
# 1 - 12

**Abbozz ta' opinjoni**
**Csaba Őry**
(PE514.863v01-00)

Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha(2013/2145(BUD))



Magħquda fid-diversità

**Emenda 1**
**Frédéric Daerden**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-abbozz għall-Baġit 2014, b'EUR 142.01 biljun f'impenji u EUR 135.9 biljun f'pagamenti, huwa 6 % inqas mill-Baġit 2013; ***jilqa', madankollu,*** li minkejja l-qtugħ, l-impenji fil-qasam tal-kompetittività, *t-tkabbir* u l-impjiegi żdiedu bi 3.3 %; | 1. Jenfasizza li l-abbozz għall-Baġit 2014, b'EUR 142.01 biljun f'impenji u EUR 135.9 biljun f'pagamenti, huwa 6 % inqas mill-Baġit 2013; ***jenfasizza*** li minkejja l-qtugħ, l-impenji fil-qasam tal-kompetittività, *it-tkabbir* u l-impjiegi żdiedu bi 3.3 %; ***jiddispjaċih, madankollu, dwar it-tnaqqis bi 13.1 % tal-Kategorija 1B;*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Frédéric Daerden**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' QFP adegwat li jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet soċjali u ta' impjieg b'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Frédéric Daerden**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika kif se jintużaw l-allokazzjonijiet iddedikati għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u liema metodu se jintuża għall-marġni annwali għal dan l-iskop kif miftiehem fil-QFP;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Sari Essayah**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-fatt li l-linja baġitarja FEG tinkludi approprjazzjonijiet ta' pagament; ***huwa, madankollu, diżappuntat bil-limitu massimu annwali allokat għal dan il-Fond fil-ftehim MFF u jtenni t-talba tiegħu biex jiżdied il-limitu massimu annwali għal EUR 500 miljun, peress li parti minn din is-somma ser tiġi allokata għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ***; | 3. Jilqa' l-fatt li l-linja baġitarja FEG tinkludi approprjazzjonijiet ta' pagament***, minħabba li parti minn din is-somma se tkun allokata għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ***; ***lest jikkunsidra s-suġġeriment tar-rapport reċenti tal-qorti tal-awdituri biex il-FEG jiddaħħal fil-Fond Soċjali Ewropew***; |

Or. en

**Emenda 5**
**Frédéric Daerden**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-fatt li l-linja baġitarja FEG tinkludi approprjazzjonijiet ta' pagament; huwa, madankollu, diżappuntat bil-limitu | 3. Jilqa' l-fatt li l-linja baġitarja FEG tinkludi approprjazzjonijiet ta' pagament ***minkejja li għandhom ikunu ogħla***; huwa, |

| | |
|---|---|
| massimu annwali allokat għal dan il-Fond fil-ftehim MFF u jtenni t-talba tiegħu biex jiżdied il-limitu massimu annwali għal EUR 500 miljun, peress li parti minn din is-somma ser tiġi allokata għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; | madankollu, diżappuntat bil-limitu massimu annwali allokat għal dan il-Fond fil-ftehim MFF u jtenni t-talba tiegħu biex jiżdied il-limitu massimu annwali għal EUR 500 miljun, peress li parti minn din is-somma ser tiġi allokata għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; |

Or. en

**Emenda 6**
**Phil Bennion, Nadja Hirsch**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jipproponi li jniedi proġett pilota dwar il-fattibiltà u l-valur miżjud ta' skema Ewropea għall-benefiċċju tal-qgħad, li tista' ssir komponent ewlieni tad-dimensjoni soċjali tal-UEM;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Sari Essayah**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jipproponi li jniedi proġett pilota dwar il-fattibiltà u l-valur miżjud ta' skema Ewropea għall-benefiċċju tal-qgħad, li tista' ssir komponent ewlieni tad-dimensjoni soċjali tal-UEM;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Frédéric Daerden, Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament ikbar għall-assi Progress tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, speċjalment għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, biex jiġi missielet il-faqar u biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Frédéric Daerden, Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob appoġġ imsaħħaħ għall-assi EURES tal-PSCI, sabiex ikun ipprovdut aċċess aktar faċli *għal-postijiet* vakanti *tax-xogħol* f'pajjiżi oħra għal żgħażagħ qiegħda; | 8. Jitlob appoġġ imsaħħaħ għall-assi EURES ***tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali***, sabiex ***ikunu pprovduti*** aċċess aktar faċli *għal postijiet tax-xogħol* vakanti f'pajjiżi oħra għal żgħażagħ qiegħda ***u konsulenza għal impjegaturi u ħaddiema mobbli permezz ta' sħubijiet transkonfinali***; |

Or. en

**Emenda 10**
**Frédéric Daerden, Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar appoġġ finanzjarju ***għall-programm Mikrofinanzjament fi ħdan il-PSCI u l-intrapriżi Ewropej***, speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex tingħatalhom ***il-possibbiltà*** li ***joħolqu tkabbir*** u b'hekk ***jiżdiedu l-opportunitajiet tax-xogħol ġodda***; | 9. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar appoġġ finanzjarju ***għall-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali fi ħdan il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali***, speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex ***il-persuni vulnerabbli*** tingħatalhom ***l-opportunità*** li ***jidħlu fis-suq tax-xogħol*** u b'hekk ***jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku***; |

Or. en

**Emenda 11**
**Phil Bennion**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. ***Jitlob, fir-rigward tar-rati*** ta' faqar ogħla**,** intensifikazzjoni *ta'* u *aktar* appoġġ finanzjarju *għall-Fond* għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u *għal parti mill-Fond* Soċjali Ewropew li *jirreferi* għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. | 10. ***Jenfasizza li l-indirizzar tal-faqar fl-istati membri u r-reġjuni huwa primarjament responsabilità tal-Istat Membru, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' azzjoni fil-livell tal-UE bħala dimostrazzjoni ta' solidarjetà politika u mezz ta' turija ta' tmexxija u prattika tajba b'rabta ma' rati*** ta' faqar ogħla***; għalhekk jilqa'*** intensifikazzjoni u appoġġ finanzjarju *ikbar fir-rigward tal-Fond* għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u *għall-parti tal-Fond* Soċjali Ewropew li *tirreferi* għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. |

Or. en

**Emenda 12**
**Nadja Hirsch**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. ***Jitlob, fir-rigward tar-rati ta' faqar ogħla,*** intensifikazzjoni ***ta' u aktar*** appoġġ finanzjarju ***għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u*** *għal parti mill-Fond* Soċjali Ewropew li *jirreferi* għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. | 10. ***Jenfasizza li l-indirizzar tal-faqar fl-Istati Membri u r-reġjuni huwa primarjament responsabilità tal-Istat Membru, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' azzjoni fil-livell tal-UE bħala dimostrazzjoni ta' solidarjetà politika u mezz ta' turija ta' tmexxija u prattika tajba b'rabta ma' rati ta' faqar ogħla, u għalhekk jilqa'*** intensifikazzjoni ***u*** appoġġ finanzjarju ***ikbar fir-rigward*** *tal-parti tal-Fond* Soċjali Ewropew li *tirreferi* għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. |

Or. en